

**SENTENZA TAL-QORTI****tal-15 ta' Novembru 2013****fil-Kawża E-11/13****L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA v l-Iżlanda**

(Nuqqas minn Parti Kontraenti li tissodisfa l-obbligi tagħha – Direttiva 2002/92/KE tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar medjazzjoni fl-assikurazzjoni)

(2014/C 88/09)

Fil-Kawża E-11/13, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA v l-Iżlanda – APPLIKAZZJONI għal dikjarazzjoni li, billi naqset milli timplimenta b'mod korrett l-Artikolu 9, paragrafi 1 u 2, u l-Artikolu 10 tal-Att imsemmi fil-punt 13 b' tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assikurazzjoni), kif adattat għall-Ftehim ŻEE permezz tal-Protokoll 1 tiegħu, l-Iżlanda naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha li jirriżultaw minn dak l-Att u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ŻEE, il-Qorti, magħmula minn Carl Baudenbacher, President u Imħallef-Rapporteur, Per Christiansen u Páll Hreinsson, Imħallfin, taw is-sentenza tagħhom fil-15 ta' Novembru 2013, li l-parti operativa hija kif ġej:

Il-Qorti b'dan:

- (1) Tiddikjara li, billi naqset milli timplimenta b'mod korrett l-Artikolu 9, paragrafi 1 u 2, u l-Artikolu 10 tal-Att imsemmi fil-punt 13b fl-Anness IX mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (id-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assikurazzjoni), kif adattat għall-Ftehim taż-ŻEE permezz tal-Protokoll 1 tiegħu, fiż-żmien preskritt, l-Iżlanda naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Att u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ŻEE.
- (2) Tordna lill-Iżlanda tħallas lispejjeż tal-proċeduri.